15 ta' Marzu 2007

# "Għamilna d-dover tagħna"

Hekk iddikjaraw iż-żewġ deputati Nazzjonalisti fil-Parlament Ewropew Simon Busuttil u David Casa fi tmiem vot li seħħ illum fi Strasburg dwar il-kaċċa u l-insib f'Malta.

Il-Parlament approva riżoluzzjoni dwar il-kaċċa u l-insib bi 300 vot favur, 253 vot kontra u 35 astensjoni.

Id-deputati Nazzjonalisti flimkien mal-grupp tal-Partit Popolari Ewropew ivvutaw **kontra** r-riżoluzzjoni, iżda din għaddiet bl-appoġġ sħiħ tas-Soċjalisti u tal-Ħodor Ewropej. It-tliet deputati Laburisti Maltin astejenew.

"*Ivvutajna u ħdimna kontra din ir-riżoluzzjoni għaliex ma ridniex kundanna kontra Malta fuq din il-kwistjoni. Dwar il-kaċċa ħadd m'għandu għalfejn jipponta subgħajh lejn ħadd.*" qalu d-deputati Busuttil u Casa.

Ir-riżoluzzjoni tressqet mill-grupp tal-Ħodor fil-PE sabiex tħeġġeġ lill-Kummissjoni Ewropea tipproċedi kontra Malta fuq il-kaċċa fir-Rebbiegħa kif ukoll biex titlob lill-Gvern Malti jwaqqaf il-kaċċa u l-insib fir-Rebbiegħa.

Madankollu, għalkemm ir-riżoluzzjoni għaddiet, il-Parlament xorta approva emendi b'mod li l-verzjoni finali tar-riżoluzzjoni hija ferm differenti minn dik oriġinali billi ma tikkundannax lill-Gvern Malti u ma titlobx aktar lill-Gvern Malti biex iwaqqaf il-kaċċa fir-Rebbiegħa.

Barra minn hekk, ġew approvati ukoll emendi tal-Partit Popolari li jilqgħu il-miżuri riċenti mħabbra mill-Gvern Malti biex jitrażżan l-abbuż fil-kaċċa permezz ta' multi ogħla, pieni ta' ħabs itwal kif ukoll it-telf tal-liċenzja tal-kaċċa għal min hu reċediv. Din l-emenda għaddiet minkejja l-vot kontra tal-Ħodor u tas-Soċjalisti, inkluż il-vot kontra l-miżuri mħabbra mill-Gvern minn-naħa tat-tliet deputati Laburisti Maltin.

"*Aħna kontra l-abbuż fil-kaċċa u nilqgħu il-miżuri li għadu kif ħabbar il-Gvern Malti biex irażżan l-abbuż. Min-naħa l-oħra, ma naqblux li għandna mmorru fl-estrem l-ieħor u nwaqqfu l-kaċċa għal kollox anki għal min ma jabbużax la darba dwar dan saru negozjati apposta u ntlaħaq qbil bil-miktub."* qalu d-deputati Nazzjonalisti.

F'reazzjoni għar-riżultat ta' llum id-deputati Nazzjonalisti Simon Busuttil u David Casa wrew id-diżappunt tagħhom li r-riżoluzzjoni għaddiet kif ukoll għall-fatt li d-deputati Laburisti Maltin astjenew dwarha flok ivvutaw kontra.

Busuttil u Casa qalu li matul din il-ġimgħa huma wettqu ħidma intesiva biex jiksbu appoġġ wiesa' kontra r-riżoluzzjoni u fil-fatt irnexxielhom jiksbu l-appoġġ ta' 253 membru tal-Parlament li vvutaw kontra, anki jekk dan ma kienx biżżejjed biex ir-riżoluzzjoni ma tgħaddiex.

*"Xogħolna għamilnieh."* qalu d-deputati Nazzjonalisti. *"Ħaddieħor jara hu. Iż-żewġ voti tagħna sarrafnihom f'253 vot kontra. Minn-naħa l-oħra t-tliet deputati Laburisti lanqas biss kisbu l-appoġġ tal-kollegi tagħhom stess fil-grupp Soċjalista. Meta ġejna għas-si u n-no, ma sibnihomx."*

● **VALLETTA:** 36, Archbishop Street, Valletta, VLT 08, Malta. Tel: 00356 21226554; Fax: 00356 21226436. ● **BRUSSELS:** European Parliament, Bât. Altiero Spinelli, 09E210, 60, rue Wiertz, B-1047 Brussels, Belgium. Tel: 0032 2284 5686; Fax: 0032 2284 9686. ● **STRASBOURG:** European Parliament, Bât. Louise Weiss, T08026, Allée du Printemps, BP 10024/F, F-67070, Strasbourg Cedex, France. Tel: 0033 38817 5686; Fax: 0033 38817 9686.

| **KIF IVVUTAW** | **Busuttil Simon** | **Casa David** | **Attard Montaldo John** | **Grech Louis** | **Muscat Joe** | **Vot finali tal-PE** |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Emenda Nru 10<br><br>Biex jitneħħa paragrafu tar-riżoluzzjoni li kien jikkundanna lill-Gvern Malti u jitolbu sabiex jirrikunsidra d-deċiżjoni dwar il-kaċċa u l-insib fir-Rebbiegħa | FAVUR | FAVUR | FAVUR | FAVUR | FAVUR | Emenda għaddiet<br><br>+ 282<br><br>- 269<br><br>Ast 33 |
| Emenda Nru 12<br><br>Biex jiddaħħal paragrafu biex jilqa' l-miżuri riċenti mħabbra mill-Gvern Malti biex jattakka l-abbuż fil-kaċċa, fosthom multi ogħla, pieni ta' ħabs itwal u r-revoka permanenti tal-liċenzji tal-kaċċa. | FAVUR | FAVUR | KONTRA | KONTRA | KONTRA | Emenda għaddiet<br><br>+ 317<br><br>- 249<br><br>Ast 22 |
| **Vot finali fuq ir-riżoluzzjoni** | KONTRA | KONTRA | AST | AST | AST | Riżoluzzjoni għaddiet<br><br>+ 300<br><br>- 253<br><br>Ast 35 |

............................................................

**Office of Simon Busuttil MEP**

Kevin Mizzi in Valletta: (356) 21228585

Elaine Cordina in Brussels: (0032) 02 284 5686